MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1946/2003

**Dingli Co. International Limited bhala mandatarja tas-socjeta Estera ta The Performing Right Society Limited ta Londra, Ingilterra**
**Vs**

**Scorpio Enterprises Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta Ottubru 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' seba mija hamsa u tletin lira erbgha u hamsin centezmu (Lm735.54) rapprezentanti kwantu ghall-ammont ta Lm639.60 bhala royalty dovuta bil-quddiem ghal perjodu bejn is-6 ta Jannar 2003 sal-5 ta Jannar 2004 in konnessjoni mal-licenzja Nru 11679 (Dok A) rilaxxjata mis-socjeta attrici favur il-konvenut liema licenzja ntitolat lis-socjeta konvenuta iddoqq muzika tutelata fl-istabbiliment "Frenchies" gewwa l-Crowne Plaza, Sliema u kwantu ghal Lm95.94 bhala Taxxa tal-VAT.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 15 ta April 2003 u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-iskadenza relattiva kontra s-socjeta konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta konvenuta fit-30 ta Awissu 2004 fejn ikkontestat it-talba attrici peress illi l-licenzja ma hiex f'isimha izda f'isem is-socjeta Tigne Development Company Limited liema socjeta tinsab obbligata li thallas il-pagamenti dovuta ghall-Kumpless kollu kemm hu fejn hemm sitwata is-socjeta konvenuta Frenchies Limited.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta attrici.

Ra l-provi prodotti inkluz id-dokumenti esebiti miz-zewg partijiet;

Sema` it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri taz-zewg partijiet;

Ikkunsidra;

Ir-rapprezentanta tas-socjeta attrici l-P.L. Josette Attard fix-xhieda taghha taghmel referenza ghall-kuntratt esebit mal-avviz a fol 2 tal-process minn fejn jirrizulta illi l-licenzja in kwistjoni kienet harget ghal fuq is-socjeta konvenuta stante li kienet l-istess socjeta konvenuta li kienet ikkontrattat mas-socjeta attrici. Minn imkien ma jirrizultalha li s-socjeta ndikata mill-konvenut kienet f'xi zmien dahlet f'relazzjoni kontrattwali mas-socjeta attrici. Ikkonfermat ukoll bil-gurament taghha li l-firmatarja fuq l-istess kuntratt certa Anna Maria Baldacchino tinsab imnizzla mal-MFSA bhala wahda mid-diretturi tas-socjeta konvenuta kif ukoll jirrizulta mid-dokument esebit markat Dok JA 1. Minn dan id-dokument jirrizulta wkoll li d-direttur l-iehor huwa Saviour Baldacchino. Tissokta tghid li hi ma taf xejn dwar il-kondizzjonijet tal-kuntratt li setgha kien hemm bejn is-socjeta konvenuta u s-socjeta Tigne Development Company Limited stante li hi estraneja ghal tali ftehim bejniethom.

Charmaine Briffa, xhud tal-attur tghid li in segwitu ta ittra li l-atturi kienu rcevew minnghand il-firmatarja tal-kuntratt Anna Maria Baldacchino, (Dok DC1), hija kienet ghamlet il-verifiki mal-Financial Controller tal-Crowne Plaza, li nfurma li r-royalties dovuta kellhom jithallsu mis-socjeta konvenuta u li l-istess Crowne Plaza ma kellhom ebda ntenzjoni li jidhlu f'kuntratt mas-socjeta attrici dwar dan.

Saviour Baldacchino, rapprezentant tas-socjeta konvenuta ighid li skond il-kuntratt ffirmat bejnhu u bejn is-socjeta Tigne Development Company Limited hemm pattwit li l-licenzja tad-diskoteka Frenchies ghandha tibqa tghajjat lill-istess socjeta Tigne Development pero l-hlasijiet relattivi taghmilhom is-socjeta konvenuta hekk kif tircevihom minnghand is-sid. Jikkonferma li l-firmatarja fuq il-kuntratt a fol 2 tal-process cioe dak li sar mas-socjeta attrici hija martu. Is-sur Baldacchino jipprova jikkorobora l-kontestazzjoni tieghu bil-prezentata ta erba dokumenti cioe kuntratt standard mhux iffirmat li suppost gie konkluz bejn is-socjeta konvenuta u s-socjeta Tigne Development Co. Ltd, zewg dikjarazzjonijiet mahruga mill-Malta Tourism Authority li jikkonfermaw li hu u martu ma ghandhomx licenzja biex joperaw stabbiliment turistiku u kont tat-telephone tal-Frenchies Nightclub li jinsab intestat lil Holiday Inn Tigne Development Co. Ltd. In kontro-ezami dan ix-xhud bazikament jerga jirrepeti x'qal in ezami.

Anna Maria Baldacchino kkonfermat li kienet iffirmat il-kuntratt mas-socjeta attrici a fol 2 tal-process sabiex tkun intitolata ddoqq il-muzika fil-Frencies Nightclub, liema nightclub kien qed jigi gestit mis-socjeta konvenuta. Kienet halset ghal sena wahda u tikkonferma li rrifjutat li terga thallas fuq isem is-socjeta konvenuta peress li skond hi xi hadd kien gibdilha l-attenzjoni ghall-fatt li din kellha tithallas mis-sid dirett stante li s-socjeta konvenuta kellha biex l-Operation tal-istabbiliment. Tikkonferma li l-kuntratt esebit ta bejn is-socjeta konvenuta u s-sid kien abbozz biss u la fih firem u anqas data.

Illi l-kwistjoni principali f'dan il-kaz huwa jekk l-ammont mitlub mis-socjeta attrici, liema ammont huwa bla dubbju dovut, ghandux fil-fatt jithallas mis-socjeta konvenuta jew mis-socjeta Tigne Development Co. Ltd liema socjeta ta l-ahhar ma hiex parti f'din il-kawza u anqas ma ntalab li tigi kjamata in kawza.

Illi l-atturi qed iressqu l-pretenzjoni taghhom kontra s-socjeta konvenuta u mhux kontra xi socjeta ohra fuq bazi kontrattwali u cioe a tenur tal-kuntratt iffirmat bejniethom u s-socjeta konvenuta liema fatt ma hux qed jigi negat anqas mill-istess socjeta konvenuta. Jigi notat inoltre li apparti l-fatt li l-konvenuti naqqsu li jgibu l-prova dwar ir-relazzjoni kontrattwali bejnhom u bejn is-sid dirett stante li dak minnhom esebit mhux ammissibbli bhala prova kif jixtiequ huma peress li si tratta biss ta abbozz minnghajr firem u minnghajr data, anke jekk ghas-sahha ta l-argument huma pprezentaw kuntratt iffirmat, xorta wahda tali eventwali kuntratt ma jikkostitwixxi ebda stat legali mas-socjeta attrici (res inter alios acta). Inoltre jigi osservat ukoll li anke jekk ghas-sahha tal-argument jigi koncess li l-licenzja tad-disco kellha tibqa f'isem is-sid, fl-ewwel lok jinghad li din m'hiex qed tirreferi ghal hlas tar-Royalties u fit-tieni lok jidher li kien ser jigi pattwit bejn is-sid u l-operatur li kwalunkwe spejjes in konnessjoni mas-servizzi gewwa dak l-istabbiliment kellhom fl-ahhar minn l-ahhar jithallsu mill-operatur.

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta konvenuta, jilqa t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta seba mija hamsa u tletin lira erbgha u hamsin centezmu (Lm735.54) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-6 ta Jannar 2003 u bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess socjeta konvenuta

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------